# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis**
**Disgħa u għoxrin (29) ta’ April 2021**

**Rikors Numru 991/19 FDP**

Fl-ismijiet

**HSBC Bank Malta plc (C 3177)**

**Vs**

**Jan Sammut (ID 94872M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 18 ta’ Diċembru 2018, li permezz tiegħu r-rikorrenti *nomine* talbet is-segwenti:

   1. *Illi wara d-dħul f’Malta ta’ liġijiet li jirregolaw it-trusts u ‘l hekk imsejjaħ fiduciary business, il-Bank attur kien beda joffri servizzi f’dan il-qasam tant li waqqaf dipartiment speċjalizzat fuq trusts. Id-Dipartiment tat-Trusts u s-Servizzi Fiduċjarji tal-bank HSBC f’Malta twaqqaf fl-2004 u kien immexxi minn ċertu Emmanuel Magri filwaqt illi l-konvenut Jan Sammut f’dik l-istess sena, ġie appuntat bħala Deputy Head of Trusts jirrispondi lill-imsemmi Magri. Sammut kien ukoll rikonoxxut bħala trustee mill-Awtorita’ Maltija għas-Servizzi Finanzjarji;*

2. *Illi fis-sena 2014 il-Bank attur kien ħa d-deċiżjoni illi gradwalment joħroġ mill-qasam tat-trusts. Wara li aktar tard f'dik is-sena Emmanuel Magri irriżenja mir-rwol tiegħu, il-konvenut Jan Sammut mhux biss inħatar biex imexxi d-Dipartiment tat-Trusts tal-Bank, iżda bħala kap ta' dan id-Dipartiment, ġie nkarigat sabiex jieħu ħsieb it-trust exit plan tal-Bank.*

3. *Illi kemm hu hekk, fl-2014 Sammut kien applika għall-voluntary redundancy li ġiet offerta lill-impjegati ta' dan id-dipartiment u, filwaqt illi din it-talba tiegħu intlaqgħet, kienet marbuta mal-kundizzjoni illi huwa qabel xejn igib fi tmiemha l-exit plan [ara ittra datata 23 ta' Lulju, 2014 eżebita bħala Dok HSBC 1].*

4. *Illi Sammut, kemm in vista tar-responsabbilitajiet tiegħu bħala impjegat tal-bank fi rwol maniġerjali, kif ukoll speċifikament ai termini tal-ftehim ta' voluntary redundancy, kien intrabat illi jieħu ħsieb it-trust exit plan b'mod diliġenti, u ċioe', fost l-oħrajn : "(i) Managing clients' expectations (ii) minimising complaints (iii) meet the Regulator's requests (iv) manage risks in line with procedures and then use these as a measure of satisfaction / diligence"*

5. *Illi Sammut kien ukoll ingħata bagit ta' ħames mitt elf Euro (€ 500,000) sabiex ikun jista' jġib fi tmiemu b'mod effiċjenti u sodisfaċenti t-trust exit plan;*

6. *Illi sal-bidu tal-2016, il-maġġoranza tat-trusts li kien jamministra l-Bank HSBC bħala trustee (madwar mitejn) għaddew għand trust service providers oħra, il-maġġoranza minnhom għand Equity Wealth Solutions Limited;.*

7. *Matul l-2015, qabel it-trasferiment tan-negozju tat-trusts, saru audits fuq il-files ta' dawk it-trusts illi fir-rigward tagħhom il-Bank HSBC kien għadu qed jopera bħala trustee; Ġara illi waqt dan l-awditjar, it-tim involut sab resistenza qawwija minn Jan Sammut wara li nstabu ċerti fatti li qajmu preokkupazzjoni u li kienu jimmeritaw investigazzjoni aktar dettaljata fosthom illi l-konvenut Sammut qiegħed ruħu f'posizzjoni ta' kunflitt ta' interess jew aġixxa ultra vires;*

8. *Dawn il-preokkupazzjonijiet tressqu lill-management tal-Bank HSBC li, tenut kont tal-obbligi regolatorji tal-bank esponenti u l-implikazzjonijiet tar-riżultat tal-audit eskala l-kwestjoni mal-General Counsel for Continental Europe tal-Bank HSBC.*

9. *Illi, nhar il-5 ta' April, 2016 sar dak li jissejjaħ non-routine interview mal-konvenut Jan Sammut. Sussegwentement, fit-8 ta' April, 2016, il-konvenut ġie mgħarraf bid-deċiżjoni tal-Bank illi huwa ġie temporanjament sospiż sakemm jingħalqu l-investigazzjonijiet dwar it-Trust Business tal-bank;*

10. *Illi sussegwentement, Jan Sammut ippreżenta mandat t'inibizzjoni [Jan Sammut v HSBC Bank Malta plc 546/2016] illi bih talab inter alia illi l-Bank attur jiġi miżmum milli jkeċċi, jittermina l-impieg jew jieħu passi dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrenti jew li b'xi mod ieħor jieħu passi dixxiplinarji kontra r-rikorrenti jew b'xi mod ieħor jieħu passi li jistgħu jċaħħdu r-rikorrenti mill-eliġibilita' tiegħu għall-ħlas ta' terminal entitlement. F'verbal tat-18 ta' Mejju, 2016 pero' l-konsulent legali ta' Sammut iddikjara seduta stante illi "r-rikorrent mhux qed jippretendi li l-bank ma jkomplix bl-investigazzjoni tiegħu u jasal għall-konklużjonijiet fl-aħħar ta' tali investigazzjoni";*

11. *Illi l-mandat intlaqa' b'deċiżjoni tal-25 ta' Mejju, 2016 u ġie segwit b'kawża li biha l-konvenut Sammut qiegħed inter alia jitlob il-ħlas lilu ta' mitt elf ewro (€ 100,000) f'terminal entitlement (469/2016 MH);*

12. *Illi fil-frattemp, l-investigazzjoni nterna tkompliet, iżda nonostante dak espressament dikjarat minnu fis-seduta tat-18 ta' Mejju, 2016 Jan Sammut irrifjuta illi jattendi għal non-routine interviews oħra u baqa' ma kkollabora b'ebda mod mal-investigazzjoni;*

13. *Illi bħala parti minn investigazzjoni aktar wiesgħa, ġie mħejji fost l-oħrajn rapport minn Mark Drago, Head of Security and Fraud Risk fil-Bank attur, u dan wara eżami ta' diversi emails u dokumentazzjoni li kienet tinsab f'files tad-Dipartiment tat-Trusts.*

14. *Illi minħabba n-nuqqas ta' kollaborazzjoni ta' Sammut, dan ir-rapport ma jistax ikun wieħed għal kollox finali; madanakollu minn dan ir-rapport jirriżultaw diversi anomaliji u indikazzjonijiet illi Sammut ma ġġestiex l-operat tad-Dipartiment, u b'mod partikolari, l-exit plan bid-diliġenza rikjesta minnu [ara kopja tar-rapport eżebita bħala Dok HSBC 2];*

15. *Illi fil-qosor u fost l-oħrajn instab illi l-konvenut Sammut:*

- *daħal f'kuntratti ma' terzi f'isem il-Bank attur mingħajr ma kien awtorizzat illi jagħmel dan;*
- *wettaq pagamenti f'valuri ferm ogħla milli kien awtorizzat jagħmel b'modalita' li ppermettietlu li jegħleb il-limitazzjonijiet fl-awtorizazzjoni li kien ingħata;*
- *awtorizza li mill-baġit tal-exit plan jitħallsu spejjeż ta' trusts illi kienu ġa ġew trasferiti lil service providers oħra (senjatament il-fuq imsemmija Equity Wealth Solutions Limited)*
- *inkariga professjonisti biex jassistu lill-Bank attur mingħajr ma segwa l-proċeduri ta' procurement illi normalment isegwi l-Bank; Fir-rigward ta' wħud minn dawn il-kuntratti hemm ukoll nuqqas ta' kjarezza dwar kif ġew mifitiehma r-rati mħallsa;*

- *hemm indikazzjoni illi ffabbrika kuntratt ta' ftehim għal servizzi legali b' rati ogħla mill-kuntratt oriġinali u dan il-kuntratt iffabbrikat ingħata data preċedenti għad data meta twettaq biex dan it-tieni kuntratt seta' jissostitwixxi retroattivament il-kuntratt oriġinali fejn kien hemm miftehma rati aktar vantaġġjużi għal Bank, mingħajr ma ngħatat ebda raġuni valida jew plawżibbli għal dan;*
- *saru ħlasijiet ta' spejjeż u drittijiet professjonali marbuta ma' servizzi li kienu għadhom ma ngħatawx;*
- *Iddispona mill-files kollha tad-dipartiment saħansitra bil-filing cabinets u b'safe inkluż u ittrasferihom għand Equity Wealth Solutions fejn kellu l-ħsieb li jimpjega ruħu u li għalihom kien diġa' kien qed jaħdem b'mod mhux uffiċċjali waqt li kien għadu salarjat tal-Bank.*
- *Poġġa lilu nnifsu f'posizzjoni ta' kunflitt ta' interess ċar meta, ngħidu aħna, kompla jaġixxi ta' trustee b'rabta ma' trusts illi ma kinux għadhom ġestiti mill-bank attur HSBC;*
- *Kellu wkoll kunflitt ta' interessi fis-sens illi rċieva ħlasijiet għal xogħol minn Equity Wealth Solutions Limited meta kien għadu impjegat tal-bank HSBC, lil hemm mill-awtorizzazzjonijiet mogħtija lilu mill-Bank;*
- *Fl-aħħar u mhux l-anqas, proprju meta bdew l-investigazzjonijiet fil-konfront tiegħu, u bdew proċeduri dixxiplinarji, il-konvenut ippreżenta mandat ta' inibizzjoni li wasslu biex il-Bank kien kostrett li jibqa' jħallsu s-salarju sħiħ tul l-eżistenza tal-istess mandat, mingħajr possibilita' li jinġiebu fi tmiemhom il-proċeduri li kellhom iwasslu għat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu;*

16. *Illi dawn il-punti msemmija mhux biss jindikaw ksur ripetut ta' regoli u proċeduri tal-Bank, iżda f'ċertu każijiet huma saħansitra indikattivi ta' miżapproprjazzjoni meta tħallsu flus lil terzi li ma kinux dovuti mill-Bank jew b' rata ogħla minn dik miftehma;*

17. *Illi l-bank attur għalhekk isostni illi l-konvenut Jan Sammut aġixxa bi ksur tal-obbligi tiegħu bħala impjegat maniġerjali tal-Bank, kif ukoll bi ksur tal-obbligi fiduċjarji tiegħu kif imposti fuqu mil-liġi skond l-artikolu 1124A et sequitur tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta) u bi ksur tal-obbligu tiegħu li jgħaddi minn due process b'rabta mal-kondotta tiegħu, u din in linea tal-ftehim kollettiv applikabbli għall-impjegati tal-Bank;*

18. *Illi bl-aġir tiegħu l-intimat ikkaġuna danni lill-Bank attur illi għalihom għandu jinstab responsabbli;*

19. *Illi minkejja illi ġie msejjaħ diversi drabi sabiex jikkollabora mal-Bank fl-investigazzjonijiet tiegħu u sabiex jagħti rendikont tal-operat tiegħu*

*bħala l-uffiċjali responsabbli mid-Dipartiment tat-Trusts fi ħdan il-Bank, il-konvenut baqa' inadempjenti;*

20. *Illi fil-fatt, b'rikors ġuramentat tal-20 ta' Ġunju, 2019 fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. vs Jan Sammut (631/2018 FDP) il-Bank attur talab lil din il-Qorti sabiex inter alia tikkundanna lill-konvenut jipprovdi reindikont sħiħ tal-ġestjoni tiegħu tat-Trusts Department bi ħdan il-Bank attur. Madanakollu, dan mhux biss għadu ma seħħx iżda talli saħansitra l-konvenut qiegħed attivament jikkontesta l-kawża u t-talbiet li saru fiha.*

21. *Illi għalhekk, il-bank attur qiegħed jipproċedi b'din il-kawża għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni, liema danni għandhom jinkludu rifużjoni ta' salarji illi huwa rċieva u għad irid ikompli jirċievi indebitament sakemm din il-Qorti tiddeċiedi li l-Bank hu ġustifikat li jieqaf iħallsu stante li kieku setgħu jitkomplew il-proċeduri ta' dixxiplina, tali salarji ma kinux jitħallsu;*

*GĦALDAQSTANT, fid-dawl tas-suespost, il-Bank attur umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna:*

*[i] Tiddikjara li bl-aġir tiegħu kif fuq deskritt, il-konvenut aġixxa bi vjolazzjoni tal-obbligi kuntrattwali tiegħu bħala impjegat tal-Bank attur u/jew bi ksur tal-obbligi fiduċjarji tiegħu kif jemanaw mil-liġi;*

*[ii]Tiddikjara illi tali aġir illeċitu jiġġustifika terminazzjoni tal-impjieg tal-konvenut mal-Bank;*

*[ii] Tiddikjara illi bl-aġir illeċitu msemmi fl-ewwel talba l-konvenut ikkawża danni lill-Bank attur;*

*[iv] Tillikwida d-danni msemmija, okkorrendo bil-għajnuna ta' periti nominandi;*

*[v] Tordna lill-konvenut iħallas lill-Bank id-danni hekk likwidati;*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kontra l-konvenut illi huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fil-5 ta' Frar 2020, l-intimat irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

    1. *Illi in kwantu jirrigwarda t-tieni talba fejn qed tintalab dikjarazzjoni ġudizzjarja li l-aġir tal-konvenut tiġġustifika t-terminazzjoni tal-impieg tal-konvenut minn mal-bank attur - tali materja taqa' taħt kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali u kwindi qed jiġi*

*eċċepit li din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni li tisma' l-kontro talba ratione materie ai termini tal-artikolu 75(1) tal-Kap. 452.*

2. *Illi qabel xejn il-bank attur jrid jiċċara u jiddeċiedi jekk hux qed jipproċedi kontra l-konvenut ex contractu jew ex dettatu.*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost t-talbiet attriċi huma għal kollox infondati u fid-dritt u l-konvenut bl-ebda mod ma rreka xi dannu lill-bank attur; anzi kien il-bank attur li rreka dannu lill-konvenut u fil-fatt l-istess konvenut kien ipproċeda kontra l-bank attur għal dan il-għan permezz tal-proċedura fl-ismijiet Av Kris Borg nomine vs HSBC Bank Malta Plc Rik 469/16MH, liema proċeduri għadhom pendenti.*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost għal kull buon fini l-konvenut jiċħad bl-iktar mod kategoriku li huwa vjola xi obbligu kuntrattwali jew fiduċjarju (jekk jirriżulta li tali obbligu fiduċjarju fil-fatt eżista). Fil-fatt kien il-bank attur li kiser l-obbligi kuntrattwali tiegħu.*

5. *Illi talbiet tal-attur imorru direttament kontra dak li ddeċidiet din il-Qorti diversament preseduta fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni Numru 546/16 fl-ismjiet Jan Sammut vs HSBC Bank Malta plc 546/2016, (hawn anness bħala Dok. JS1) meta inibiet lill-bank attur milli:*

   1. *Ikeċċi, jittermina l-impieg jew jieħu ebda passi dixxiplinari kontra ir-rikorrent, jew b'xi mod ieħor jieħu xi passi li jistgħu jċaħħdu lir-rikorrent mill-eliġibilita' tiegħu għall-ħlas ta' terminal entitlement lilu spettanti.*

   2. *Jiddevulga xi allegazzjoni dwar ir-rikorrent lil xi terzi persuni, jew b'xi mod ieħor jitfa' dell ikrah fuq ir-reputazzjoni tar-rikorrent.*

*Dan il-mandat għadu viġenti, u dil-kawża hija attenta sabiex jiġi evażi l-effetti tal-istess mandat, u kwindi għandhom kollha jiġu miċħuda.*

*Illi in kwantu jirrigwarda talba għad-danni il-fatt li l-allegati lanjanzi kollha msemmija mill-bank attur jirrisalu għal qabel il-5 ta' April 2016, u dil-proċedura ġiet intavolata fit-18 t'Ottubru 2019, u kwindi t-talbiet attriċi huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

3. Rat illi fl-10 ta' Novembru 2020, il-partijiet qablu illi dina l-Qorti kellha tgħaddi biex tikkunsidra w tiddeċiedi l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata.

4. Semgħet l-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw l-ewwel eċċezzjoni fil-21 ta' Jannar 2021, wara liema data il-kawża ġiet differita għal-deċiżjoni fuq l-ewwel eċċezzjoni.

**Ikkunsidrat**

5. Jirriżulta illi l-intimat huwa impjegat tas-soċjeta' rikorrenti, fejn kien inkarigat imexxi d-Dipartiment relatati ma' Trusts illi kienet topera s-soċjeta' rikorrenti.

6. Jirriżulta illi, mument minnhom is-soċjeta' rikorrenti għażlet illi twaqqaf l-operat tagħha fil-qasam tat-Trusts u l-intimat kien inkarigat illi jagħmel il- "winding-down" tal-operat, fost affarjiet oħra.

7. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti, mument minnhom, ħasset illi l-operat ta' l-intimat kellu jiġi investigat u pproċediet biex tissospendi lill-intimat filwaqt illi l-intimat, da parte tiegħu, ppreżenta u ottjena Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tal-Bank attur, sabiex s-soċjeta' rikorrenti tinżamm milli tkeċċi, tittermina jew tieħu passi dixxiplinari fil-konfront ta' l-intimat.

8. Jirriżulta illi, permezz ta' kawża fl-ismijiet inversi, Rikors Nru 469/2016 MH, l-intimat qiegħed jitlob għall-ħlas ta' terminal entitlement illi s-soċjeta' rikorrenti irrifjutat li tgħaddilu.

9. Jirriżulta ukoll illi, permezz ta' kawża fl-istess ismijiet, li qiegħda tinstema' quddiem dina l-Qorti kif ppresjeduta, Rikors Nru 631/2018 FDP, il-Bank rikorrent qiegħed jitlob lill-intimat sabiex jipprovdi rendikont tal-ġestjoni tiegħu tat-Trusts Department.

10. Jirriżulta, eventwalment, illi permezz tal-proċeduri odjerni mibdija fis-sena 2019, is-soċjeta' rikorrenti qiegħda titlob lill-Qorti sabiex tiddikjara illi l-intimat "*aġixxa bi vjolazzjoni tal-obbligi kuntrattwali tiegħu*" kif ukoll illi aġixxa "*bi ksur tal-obbligi fiduċarji tiegħu*" u għalhekk talbet danni illi s-soċjeta rikorrenti tikkontendi illi l-intimat kkawżalha.

11. Jirriżulta wkoll illi s-soċjeta' rikorrenti qiegħda titlob ukoll lill-Qorti sabiex

> "*tiddikjara illi tali aġir illeċitu jiġġustifika terminazzjoni tal-impjieg tal-konvenut mal-Bank*".

12. Jirriżulta illi, għar-rigward dina t-talba, l-intimat jikkontendi illi tali talba hija

> "*materja (li) taqa' taħt kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali u kwindi qed jiġi eċċepit li dina l-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni li tisma' l-kontro talba ratione materie ai termini tal-Artikolu 75(1) tal-Kap 452*".

13. Jirriżulta illi huwa dana il-punt li dina l-Qorti intalbet sabiex tiddeċiedi.

**Ikkunsidrat**

14. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti, fl-ewwel talba tagħha, qiegħda titlob lill-Qorti tiddikjara jekk l-intimat aġixxiex bi vjolazzjoni tal-obbligi kuntrattwali tiegħu jew bi ksur tal-obbligi fiduċjarji tiegħu.

15. Jirriżulta illi tali talba, madanakollu, ma tistax titqies bħala li twassal awtomatikament għal terminazzjoni tal-impjieg tal-konvenut.

16. Jirriżulta illi, għalkemm f'każ li l-Qorti ssib favur tas-soċjeta' rikorrenti, hija tkun f'posizzjoni illi tipproċedi b'azzjonijiet oħra fil-konfront ta' l-intimat, tali dritt huwa distint u separat minn dak mitlub fl-ewwel talba tas-soċjeta' rikorrenti.

17. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi kwalsiasi każ "fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta" huwa territorju ta' ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali, u dana kif jipprovdi l-Artikolu 75 (1) (a) tal-Kap 453, ossija l-Att dwar l-Impjieg u r-Relazzjonijiet Industrijali, liema artikolu jgħid dan li ġej:

    *(1) Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddeċiedi -*

    *(a) il-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta;*

18. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti, fit-tieni talba tagħha, qiegħda titlob lill-Qorti tabiex tiddikjara illi bl-aġir ta' l-intimat, hija tkun ġustifikata illi tkeċċi lill-intimat.

19. Il-Qorti tirrileva illi, filwaqt li hija kompetenti illi sabiex tiddeċiedi jekk l-aġir ta' l-intimat kien ta' vjolazzjoni tal-obbligi kuntrattwali u/jew fiduċjarji tiegħu, hija ma hijiex kompetenti sabiex tiddeċiedi li tkeċċija eventwali ta' l-intimat hija ġustifikata.

20. Il-Qorti tosserva illi f'każ li dina l-Qorti tiddikjara illi t-tkeċċija eventwali ta' l-intimat tkun waħda ġustifikata, hija tkun qiegħda tipprekludi lill-intimat mid-dritt tiegħu illi jmur quddiem it-Tribunal Industrijali u jikkontesta t-tkeċċija eventwali tiegħu bħala waħda inġusta.

21. Huwa ċar illi, dwar jekk tkeċċija hija ġusta jew le u jekk persuna huwiex ġustifikat ikeċċi persuna jew le, dina hija konsiderazzjoni u deċiżjoni li jista' jieħu biss it-Tribunal Industrijali, u dan a tenur tal-Artikolu 75 (1) (1) tal-Kap 453.

22. Għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimat timmerita illi tintlaqa' favorevolment.

**DECIDE**

**Il-Qorti;**

Wara illi semgħet it-trattazzjoni orali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Wara illi rat t-tieni talba tas-soċjeta' rikorrenti u l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimat;

Wara illi rat l-Att dwar Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452);

**Tilqa’** l-ewwel eċċezzjoni ta’ l-intimat u għalhekk;

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni u tiddeċiedi t-tieni talba tas-soċjeta rikorrenti.

**Tordna** illi l-kawża tkompli tinstema’ u tiġi deċiża fuq it-talbiet l-oħra mressqa mis-soċjeta rikorrenti.

Spejjeż ikunu kkunsidrati mas-sentenza finali.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**